

**Rikors ippreżentat fl-4 ta' Mejju 2021 – Fidelity National Information Services vs EUIPO – IFIS (FIS)****(Kawża T-237/21)**

(2021/C 252/38)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrent:* Fidelity National Information Services, Inc. (Jacksonville, Florida, l-Istati Uniti) (rappreżentant: P. Wilhelm, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Banca IFIS SpA (Mestre, l-Italja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea FIS – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 13 232 236

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-26 ta' Frar 2021 fil-Każ R 1460/2020-1

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO u l-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell għall-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti b'rabta ma' dan l-appell.

**Motiv invokat**

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fil-5 ta' Mejju 2021 –Varabei vs Il-Kunsill****(Kawża T-245/21)**

(2021/C 252/39)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrent:* Mikalai Mikalevich Varabei (Novopolotsk, il-Bjelorussja) (rappreżentanti: G. Kremslehner, H. Kühnert, avukati, u M. Lester QC)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla, b'effett immedjat, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/353 tal-25 ta' Frar 2021 li temenda d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Belarusja<sup>(1)</sup> u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/339 tal-25 ta' Frar 2021 li jimplimenta l-Artikolu 8a tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Belarusja<sup>(2)</sup>.

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż rispettivi tiegħu u għal dawk sostnuti mir-rikorrent.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka motivi wieħed ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni. Ir-rikorrent jinvoka li l-Kunsill ma spjegax kif l-interessi tan-negozju tar-rikorrent juri jew li r-rikorrent jibbenefika minn jew inkella jsostni r-reġim ta' Lukashenka. Bil-kontra ta' dan, l-interessi tar-rikorrent fis-setturi taż-żejt, tat-tranżitu tal-faħam u Bankarju ma humiex ta' tip jew ta' daqs li jindikaw li r-rikorrent b'xi mod isostni jew jibbenefika mir-reġim .

Sussidjarjament, ir-rikorrent isostni li l-elenkar tiegħu ma jistax jiġi sostnut abbażi tal-fatt li huwa wieħed mis-sidien ta' Bremino Group. Dan tal-aħħar la rċieva benefiċċji selettivi tat-taxxa u lanqas xi forma oħra ta' sostenn mill-amministrazzjoni tal-Bjelorussja.

(<sup>1</sup>) ĠU L 68,26.2.2021,p. 189.

(<sup>2</sup>) ĠU L 68,26.2.2021,p. 29.

---

## Rikors ippreżentat fis-7 ta' Mejju 2021 – Fibrecycle vs EUIPO (BACK-2-NATURE)

(Kawża T-248/21)

(2021/C 252/40)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrent: Fibrecycle Pty Ltd (Helensvale, l-Awstralja) (rappreżentant: T. Stein, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: ir-reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark verbali li tindika l-Unjoni "BACK-2-NATURE" – Reġistrazzjoni internazzjonali Nru 1 485 655 li tindika l-Unjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-3 ta' Marzu 2021 fil-Każ R 1699/2020-2

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

### Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---